**Fil-Prim Awla tal-Qorti Civili**

**Onorevoli Imhallef Albert J. Magri B.A., LL.D.**

Seduta ta' nhar il-Gimgha 3 ta' Mejju 2002

Rikors kostituzzjonali numru 726/99 AJM

Kawza numru

Anthony Zarb u James Pearsall f'isimhom propriju u ghan-nom u in rappresentanza tal-General Workers Union, Michael Parnis, Roberto Cristiano, Carmelo Vella, Carmel sive Charles Vella, Joseph Grima, Gaetano Mercieca, Andrew Mizzi, Anthony Coleiro, Saviour Sammut, Carmel Vincent Debono, Ronald Pellegrini, Raymond Sultana, Glenn Beddingfield, Peter Paul Barbara u Avukat Dottor George Abela, kif ukoll Michael Fenech, Bartolomeo Micallef, Anthony Zammit, Norman Bonello, Romano Cilia, Carmel Camilleri, John Grech, Nicholas Farrugia, Jack Vella, Victor Cassar, Joseph Tabone, Joseph Zerafa, Edmond Sciberras, Joseph Cassar, Joseph Cauchi, Francis Briffa, Neville Camilleri, Carmel Busuttil, Joseph Scerri, Victor Vella, Carmel Camilleri, Richard Hili, Ivan Pulis, Stephen Duca, Saviour Azzopardi, Paul Muscat, Joseph Lombardo

Vs

L-Avukat Generali u l-Kummissarju tal-

Pulizija

Il-Qorti,

Rat ir-rikors presentat fid-29 ta' Novembru 1999 li permezz tieghu r-rikorrenti ppremettew:

Illi din l-azzjoni hija bazata fuq dritt li taghti l-Kostituzzjoni u l-Kap 319 tal-ligijiet ta'Malta li jekk ikunu mhedda d-drittijiet fondamentali, l-azzjoni tista tinbeda immedjetament. Din l-azzjoni wkoll tinkorpora ilmenti ta' vjolazzjonijiet li twettqu u mhux rimedjabbli, hlief bl-operat tal-Qorti. F'din l-azzjoni qed issir riferenza ghad dritt ta' azzjoni skond l-Artikolu 34 tal-Konvenzjoni Ewropea kif emendata li tippermetti non-govermental organisation biex tagixxi taht il-konvenzjoni ghar rimedju.

Il-FATTI RILEVANTI:

Illi l-esponenti kollha kemm huma personalment gew imharka biex jidhru quddiem il-Qorti tal Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja, akkuzati b'diversi reati u dan kif jirrisulta mill-annessi dokumenti A, B, C u D.

Kollox huwa impernjat fuq il-fatti li graw nhar il-gimgha ghoxrin (20) ta'Awissu 1999, kmieni wara nofs inhar, fl-ajruport Internazzjonali ta' Malta, meta kien hemm trade dispute bejn il-General Workers Union u l-Malta International Airport PLC. Ir-rikorrenti Michael Fenech, Bartolomeo Micallef, Anthony Zammit, Norman Bonello, Romano Cilia, Carmel Camilleri, John Grech, Nicholas Farrugia, Jack Vella, Victor Cassar, Joseph Tabone, Joseph Zerafa, Edmond Sciberras, Joseph Cassar, Joseph Cauchi, Francis Briffa, Neville Camilleri, Carmel Busuttil, Joseph Scerri, Victor Vella, Carmel Camilleri, Richard Hili, Ivan Pulis, Stephen Duca, Saviour Azzopardi, Paul Muscat, Joseph Lombardo, li huma ilkoll

membri tal-General Workers Union, gew arrestati fl-area tal-ajruport fejn jahdmu, u dan minhabba l-azzjoni industrijali li kienet qed tittiehed. Michael Fenech li hu shop-steward u Norman Bonello Segretarju tal-Group Committee tal GWU kienu hemm ukoll ghaliex kienu qed jaghmlu picketing fuq il-post tax-xoghol fejn kienet tittiehed azzjoni industrijali.

Il-haddiema kollha indikati fil-paragrafu precedenti, gew arrestati en masse. Il-haddiema hekk arrestati gew mitfugha f'xarabank tal-Pulizija, li ghandha ventilazzjoni limitata, ghall-saghtejn shah fuq l-apron tal-ajruport f'xemx tizreg, u dan minkejja l-insistenza tal-ufficjali tal-General Workers Union biex dawn il-haddiema jitnehhew mill-forn jikwi li kienu jinsabu fih, li jigu trattati ghall-inqas b'mod uman, u jinghataw attenzjoni medika. Tant kienu hziena il-kundizzjonijiet li anke pulizija li kien addett ghall-operazzjoni tal-arrest spicca f'hass hazin. Dan barra l-haddiema li ma setghux jiccaqilqu. Il-haddiema minghajr distinzjoni ta' xi agir jew investigazzjoni, gew arrestati kollha kemm huma. F'dan l-operat illegali sar mill-forzi armati u l-pulizija.

Qabel ma ttiehdet din l-azzjoni illegali tal-istat is-Segretarju Generali tal-General Workers Union, Tony Zarb, is-Segretarju tat Taqsima Port u Trasport ta' dak iz-zmien, Ronnie Pellegrini, u l-konsulent legali tal istess union, l-Avukat George Abela , ma inghatawx l-awtorizzazzjoni li jmorru jkellmu lil dawn il-haddiema li kienu qeghdin isegwu tali direttivi fil-post fejn kienu qeghdin jahdmu, u dan minkejja li tali permess kienu jinghata normalment, li jidhlu fil hanger fejn kienet qed tittiehed l-azzjoni industrijali. Tali awtorizzazzjoni dejjem inghatat lill-ufficjal tal-union.

L-operat tal-forzi tal-istat kien juri l-iskop car li titkisser l-azzjoni industrijali ordnata mill-istess union b'abbuz tal poter u arroganza u f'nuqqas ta' osservanza ta' kull dritt protett mill-ligi.

Wara l-hadddiema, arrestati kif spjegat hawn fuq u fic-cirkostanzi indikati hawn fuq, bdew jittiehdu lejn u ghaddew mill-Marsa, Triq Dicembru 13, lejn id-Depot tal-Pulizija, taht arrest. Fl-ebda mument ma nghatat ir-raguni ghala kien qed isir l-arrest fil mument tal-arrest. Dan japplika wkoll ghal-arrest tal-ufficjali tal-Union li kienu arrestati wkoll.

Hdejn ir-roundabout tas-salib tal-Marsa, l-ufficjali ta' l-Union baqghu jirrimonstraw fuq l-arrest illegali, demostrazzjoni spontaneja u legittima, barra li hija azzjoni accettat f'socjeta demokratika li ma jkunx hemm arrest diga illegali u jkomplu jkun illegali, u inkluz il-fatt li kien hemm min kien fi stat prekarju ta'sahha taht arrest. Kellha tissejjah ambulanza, peress li wiehed mill-arrestati Paul Muscat hassu hazin, izda l-forzi tal-istat gabu malajr forzi bl-armamenti kontra l-haddiema u r-rappresentanti taghhom.

Fl-ebda mument ma kien hemm xi hsara fil-propjeta jew fuq il-persuna tal-membri tal-forzi tal-istat, li da parti taghhom wettqu hsara fuq il-vettura tar-rikorrenti Tony Zarb, kif jigi ippruvat.

Sussegwentement ghall-agir illegali da parti tal-forzi tal-istat, bi ksur tal ligijiet diversi u b'arroganza statali, il-pulizija qed tressaq lir-rikorrenti quddiem il-Qrati bi proceduri kriminali.

Illi huwa fl-interess tal-esponenti u b'mod legali u permess mill-ligi tal-pajjiz li immedjatament u minghajr ma jistennew l-ezitu tal-istess

proceduri, jattakkaw il-legittimita tal-azzjoni tal-forzi tal-istat peress li kienet dik li ghamlet ksur ta' ligi u mhux l-azzjoni industrijali legittima li fiha mod jew iehor kienu involuti r-rikorrenti.

L-esponenti necessarjament jinvokaw il-protezzjoni tal-ligi prevista fil-Kap 266 tal-Ligijiet ta' Malta dwar id-dritt ghall-azzjoni industrijali u l-lenti li minnha thares il-ligi lejn l-azzjoni effettiva biex titmexxa quddiem tilwima industrijali, li ma tistax tkun biss skambju ta'ittri ta' kortesija bejn naha u ohra.

VJOLAZZJONIJIET LAMENTATI.

L-esponenti qed isegwu l-format tal-procedura quddiem il-Qorti Ewropeja u ghalhekk se jindikaw per sommi kapi l-vjolazzjonijiet lamentati taht il-Konvenzjoni Ewropeja:

(1) Taht l-Art 5 (1) (c) peress li l-arrest ma sarx ghar-ragunijiet hemm permessi u skond il-procedura preskritta, u inoltre bi vjolazzjoni tal-ligi; u taht l-artiklu 5(2) peress li ma gewx infurmati dawk il-persuni arrestati bir-ragunijiet ghala kien hemm il-privazzjoni tal-liberta u l-arrest.

(2) Taht l-Artiklu 3 u cioe li kien hemm trattament inuman versu r-rikorrenti li kienu arrestati fuq ix-xarabank.

(3) Taht l-Artiklu 11 u dan dwar id-dritt ta' assocjazzjoni, u dan peress li l-attivita arroganti tal-forzi tal-istat, kontinwata bil-proceduri kriminali li hemm riferenza ghalihom fid-dokumenti annessi, jikosti-

wixxi fil-fatt ksur tad-dritt tal-assocjazzjoni b'mod li mhux mehtieg

f'socjeta demokratika, u l-istess agir tal-forzi tal-istat jikkostitwixxi

theddida fattwali u potenzjali ghall-istess dritt sancit. Hemm ukoll il-

vjolazzjoni tad-dritt sancit fl-ewwel parti tal-istess artiklu u dan dwar I

d-dimostrazzjoni hdejn is-Salib tal-Marsa u l-fatti li graw hemm.

Dan premess talbu li din il-Qorti:

(1) Tiddikjara li kien hemm il-vjolazzjonijiet lamentati taht l-artiklu 5, 3 u 11 tal-Konvenzjoni Europea dwar id-drittijiet lezi, u dan kif ahjar indikat fil-paragrafi precedenti.

(2) tiddikjara li l-azzjonijiet fil konfront tal-esponenti jikkostitwixxu vjolazzjoni tal-Artiklu 11 tal-istess konvenzjoni.

(3) taghti dawk ir-rimedji kollha xieraq ghat-twettiq tal-istess jeddijiet tar-rikorrenti kif protetti mill-Konvenzjoni Ewropeja, inkluz il-kumpens xieraq ghad-detenzjoni llegali u arbitrarja lil dawk mir-rikorrenti li gew detenuti u trattati b'mod inuman, u f'kull kaz taghti "just satisfaction" skond l-Artiklu 41 tal-Konvenzjoni Ewropeja.

Bl-ispejjez

Rat ir-risposta tal-intimati ppresentata fl-1 ta' Dicembru 1999 fejn gie sottomess:-

Illi in kwantu tolqot l-imputazzjonijiet migjuba kontra r-rikorrenti quddiem il-Qrati tal-Magistrati, din il-kawza ma kellhiex tigi intavolata b'rikors izda kellha titqajjem b'talba ghal riferenza quddiem il-Qorti fejn qed jinstemghu l-addebiti kriminali ghax hekk biss "il-Qorti li quddiemha tkun qamet il-kwistjoni" tkun kostretta ("ghandha") tiddisponi mill-kwistjoni skond dik id-decizjoni" (ta' din il-Qorti);

Illi jonqos kull interess guridiku u attwali biex issir dikjarazzjoni minn din il-Qorti safejn tista tirrigwarda l-procedura quddiem il-Qrati tal-Magistrati, ghaliex gia la darba dawk il-Qrati mhux kostretti jiddeciedu l-kawzi quddiemhom skond il-pronunzjament ta' din il-Qorti, tali dikjarazzjoni ma jista jkollha ebda effett guridiku quddiem il-Qorti tal-Magistrati, u ghalhekk jonqos l-attwalita ta' l-interess;

Illi bla pregudizzju ghas suespost l-Avukat Generali gie citat inutilment, ghaliex la hu l-prosekutur fil-proceduri kriminali msemmija fir-rikors u lanqas qed jigi allegat xi addebitu fil-konfront tieghu, u allura ghandu jigi mahrug mill-gudizzju bl-ispejjez kontra r-rikorrenti;

Illi r-rikors promotur, f'kull kaz m'huwiex car u ma jirrizultax min mir-rikorrenti qieghed jillamenta minn x'hiex u kontra min (l-ewwel talba), u lanqas hu car liema huma l-azzjonijiet fil-konfront tar-rikorrenti li jikkostitwixxu vjolazzjoni ta' l-Artikolu 11 tal-Konvenzjoni Ewropeja, u cioe jekk humiex l-azzjonijiet kriminali jew l-agir l-iehor allegat li sar fil-konfront tar-rikorrenti (t-tieni talba);

Illi it-tielet talba ma tispecifikax rimedju li jista jinghata skond il-ligi peress ill l-Artikolu 41 tal-Konvenzjoni Ewropeja mhux parti mill-ligi

Maltija u ma jistax jigi nvokat *come tali.* Kif mhux parti mill-ligi Maltija l-Artikolu 34 ta' l-istess Konvenzjoni;

Illi filwaqt li mhux eskluz taht il-ligi Maltija illi xi whud mid-drittijiet protetti bil-Kostituzzjoni u bil-Kap 319 jispettaw ukoll lil persuni mhux fizici inkluz *non govermental organizations,* biex issir azzjoni kemm taht l-Artikolu 46 tal-Konstituzzjoni kif ukoll taht l-artikolu analogu tal-Kap 319 jinhtieg l-interess guridiku u attwali u ma tistax *non governmental organisation* taghmel azzjoni hi ghan-nom ta' haddiehor hlief meta tkun awtorizzata ghal dak l-iskop mill-Prim'Awla kif jipprovdu l-istess artikoli u fic-cirkostanzi fih imsemmija;

Ili l-General Workers Union la giet arrestata, la giet trattata b'mod inuman u l-anqas gie lez xi dritt ta' assocjazzjoni taghha u lanqas qed jigi allegat li gara hekk, u ghalhekk ma ghandhiex interess fir-rikors u ma ghandhiex *locus standi* f'din il-kawza, u l-esponenti ghandhom fil-konfront taghha jigu liberati bl-ispejjes kontra taghha;

Illi ghalkemm ir-rikorrenti jaghmlu riferenza ghal drittijiet kostituzzjonali u l-Kap 319, filfatt jillimitaw ruhhom fir-rikors ghal drittijiet protetti bil-Kap 319 u ma jallegaw ebda ksur ta' drittijiet kostituzzjonali;

Illi fil-mertu, l-allegazzjonijiet migjuba mir-rikorrenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt:

Dawk mir-rikorrenti li gew arrestati gew hekk arrestati mhux ghax kienu qeghdin jobdu xi direttiva legittima tal-Union taghhom. L-Union in kwistjoni qatt ma tat direttiva lil ufficjali jew lill-membri taghha biex jiksru xi ligi. L-arresti saru fuq suspett ragonevoli ta' ksur tal-ligijiet kif

addebitat lill-istess persuni arrestati quddiem il-Qorti tal-Magistrati. Gew osservati id-drittijiet u formalitajiet kollha li jistabilixxu l-ligijiet kollha tal-pajjiz inkluz il-Kap 319. Jekk filfatt jirrizultax htija hi mertu tal-kawzi kriminali de quo mhux mertu ta' din il-kawza. Ghal din il-kawza jiccentra biss jekk kienx mehtieg l-arrest fuq is-suspett ragonevoli li kien hemm u jekk gewx segwiti l-proceduri stabbiliti;

Illi mhux minnu li r-rikorrenti jew min minnhom gew tratti b'mod inuman, kif jirrizulta waqt il-provi, anzi kienu whud ohra mir-rikorrenti illi b'mezzi kontra l-ligi zammu lix-xarabank tal-pulizija u whud ohra mir-rikorrenti mizmuma f'xemx tizreg ghax dehrilhom illi ghandhom xi seta jiehdu l-ligi f'idejhom jew li l-ligi ma tapplikax ghalihom;

Illi id-dritt ta' assocjazzjoni ma jinkludix id-dritt li bi skuza tieghu wiehed jingema m'ohrajn u jirrendi ruhu hati ta' attruppament, hsara volontarja, dhul f'zoni ristretti ta'l-ajruport, unlawful picketing, arrest illegali etc; Mhux fi ftit kliem id-dritt ta' assocjazzjoni *per delinquere*;

Lanqas id-dritt ta' espressjoni u li wiehed jaghmel demostrazzjoni spontanja (jekk dan hu kompriz bhala dritt fondamentali) ghalkemm mhux invokat, ma jghati dritt illi wiehed jinjora l-ligijiet tal-pajjiz, d-drittijiet ta' haddiehor jew li jipperikola l-ordni pubbliku. L-azzjonijiet tar-rikorrenti lanqas ma huma protetti mill-ligijiet dwar ir-relazzjonijiet industrijali, u kieku hekk huma, dan kien ikun mertu tal-kawza kriminali u mhux ta' dan ir-rikors;

Wiehed irid izomm f'mohhu biex jinkwadra ahjar l-azzjonijiet ta' kulhadd fl-incidenti de quo illi kieku kellu jkun hemm inzul ta' emergenza fl-ajruport ta' Malta, il-vetturi u s-servizzi tat-tifi tan-nar u ta'

sokkors kienu qed jigu impeduti li jithaddmu mir rikorrenti, b'perikolu ghal hajja tal-passiggieri involuti kieku gara l-kaz;  illi l-forzi ta' l-ordni uzaw biss il-forza minima rikjesta fejn saru arresti, u kien biss il-prudenza kbira taghhom meta ffacjati b'provokazzjoni serjissima f'xemx tizreg, li evitat it-tmashin tal-irjus u incidenti aktar serji;

Illi ghalhekk ma jirrizultax il-ksur ta' l-artikolu 3, 5 u 11 tal-Konvenzjoni Ewropeja rezi applikabbli f'Malta bil-Kap 319 tal-ligijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza preliminari taghha tal-14 ta' Dicembru 1999 (fol 78) meta giet milqugha l-ewwel eccezzjoni tal-intimati dwar il-presenza tal-Avukat Generali f'dawn il-proceduri, u gie dikjarat li l-Avukat Generali ma kellux *locus standi* u ghalhekk inthareg mill-kawza a spejjes tar-rikorrenti. F'dik l-okkazzjoni giet michuda l-eccezzjoni tal-intimati dwar in-nuqqas ta' interess tal-General Workers Union. F'dan il-kaz l-ispejjes gew riservati ghall-gudizzju finali.

Rat id-digriet taghha tas-26 ta' Jannar 2000 meta giet mahtura Dr. Maria Dolores Gauci bhala assistent gudizzjarju sabiex tigbor il-provi tal-partijiet, liema hatra giet revokata b'digriet tal-21 ta' Frar 2000.

Rat in-nota ta' l-Avukat Dottor George Abela tal-20 ta' Marzu 2000 li permezz taghha ceda limitatament fil-konfront tieghu bhala wiehed mir-rikorreti l-atti ta' dan ir-rikors u dana limitatament ghal lanjanza minnu avvanzata taht l-artikoli 5(1)(c) u 5(2) u (3) tal-Konvenzjoni Ewropea u jzomm ferm il-lanjanza tieghu taht l-artikolu 11 tal-istess Konvenzjoni Ewropea, kif ukoll zamm ferm it-talbiet kif kontenuti fl-atti tar-rikors prezentat kontestwalment ma' din in-nota.

Rat ir-rikors ta' l-Avukat Dottor George Abela tal-20 ta' Marzu 2000 fejn wara li ppremetta illi l-fatti li taw lok ghal dan ir-rikors barra milli jikkostitwixxu ksur ta’ dritt fundamentali sancit bl-Artikolu 11 tal-Konvenzjoni Ewropea u cioe dwar id-dwar id-dritt ghal liberta ta' ghaqda pacifika u ghal liberta ta’ assocjazzjoni ma ohrajn kif indikat fir rikors promotur, jikkostitwixxi wkoll ksur tal-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-istess Konvenzjoni Ewropeja u cioe tad-dritt fundamentali tar-rikorrent ghat tgawdija pacifika tal-possediment tieghu li f’dan il-kaz hu ezercizzju liberu tal-professjoni legali tieghu in virtu tal-‘warrant’ biex jezercita l-istess professjoni legali tieghu moghti lilu taht l-Artikolu 79 tal-Kap 12. Illi l-proceduri kriminali istitwiti kontra r-rikorrent jikkostitwixxu ksur u interferenza mad-dritt tat-tgawdija pacifika tal-possedimenti tar-rikorrent.

Illi r-rikorrent ghandu d-dritt u l-interess li jissolleva din il-lanjanza fil-kors tal-kawza kostituzzjonali fuq riferita u li hi gia in korso.

Talab li dina l-Onorabbli Qorti joghgobha tiehu konjizzjoni ukoll tal-ilment fuq imsemmi u li taghti kull rimedju li jidrilha xierqa u opportun biex tizgura it-twettiq tal-jeddijiet tar-rikorrent kif protetti bl-Artikolu 1 ta' l-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropeja u dana b’zieda mat-talbiet kif kontenuti fir-rikors promotur.

Rat ir-risposta tal-intimat fejn wara li gie premess illi l-azzjoni kriminali istitwiti mill-intimat kontra l-avukat Dottor George Abela ma ghandha x’taqsam xejn mal-prattika tieghu bhala avukat izda hi limitata biss ghal atti li jikkostitwixxu ksur tal-ligijiet kriminali tal pajjiz li japplikaw ghac-cittadini kollha u bl-ebda mod l-avukati ma ghandhom xi immunita minnhom. Il-professjoni ta’ avukat ma tikkonsistix f’attruppament, arrest

illegali, ksur ta’ buon ordni u dizobidjenza ta’ ordnijiet legittimi ta’ awtoritajiet legittimi, u ghalhekk talab li din l-Qorti tichad it-talba tar-rikorrent Dottor George Abela biex jiddikjara li hu gie lez mid-dritt ta’ l-ezercizzju liberu tal-professjoni tieghu u li taghtih xi rimedju dwar hekk, u t-talba addizzjonali tieghu bhal dawk originali ghandha tigi michuda bl-ispejjes bhal ma ghandha fil kaz tat-talbiet kollha originali.

Rat id-digriet taghha tal-21 ta' Marzu 2000 meta it-talba tar-rikorrenti ghal kjamata fil-kawza tal-Brigadier Rupert Monatanro in rappresentanza tal-Forzi Armati, u il-Prim Ministru jew l-Avukat Generali giet mchuda bl-ispejjes riservati ghal gudizzju finali.

Rat in-nota tar-rikorrenti presentata fil-Qorti Kostituzzjonali fit-3 ta' Mejju 2000 meta cedew l-appell minnhom interpost mid-digriet ta' din il-Qorti tal-21 ta' Marzu 2000.

Rat in-nota tar-rikorrenti kollha, hlief l-Avukat George Abela, presentata fl-udjenza tat-22 ta' Novembru 2000 meta dawn cedew l-kawza filwaqt li Dr. Abela zamm ferm l-atti tal-kawza fejn jirrigwardaw lilu.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti u tas-sottomissjonijiet tad-difensuri tal-kontendenti.

Rat il-verbal ta' l-udjenza tat-30 ta' Jannar 2002 meta l-kawza giet imhollija ghas-sentenza.

Ittrattat il-kawza.

Ikkunsidrat:

Wara l-incidenti li sehhew fl-20 ta' Awissu 1999 fl-Ajruport Internazzjonali ta' Malta u fi Triq Dicembru 13, fil-Marsa, liema incidenti kienu konnessi ma azzjoni industrijali ordnata mill-General Workers Union ghall-membri taghha li jahdmu fl-Ajruport Internazzjonali ta' Malta, ittiehdu proceduri kriminali kontra ufficjali tal-istess Union kif ukoll impjegati tal-Ajruport u Dr. George Abela. Ir-rikorrent, li kien presenti sew l-Ajruport kif ukoll fl-incident li sehh fi Triq Dicembru 13, il-Marsa, gie mharrek sabiex jidher quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja nhar is-6 ta' Dicembru 1999 biex jwiegeb ghall-akkuzi talli:

(1) nhar l-20 ta’ Awissu 1999, fil-Marsa f’xi hin wara nofs inhar, bla ordni skond il-ligi ta’ l-awtorita kompetenti, u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arrestajt, zammejt jew issekwestrajt lill-persuni kontra il-volonta taghhom u cioe lil diversi membri tal-Korp tal Pulizija fosthom lil PC113 Joseph Attard, PC 54 Mario Bruno, PC615 Joseph Ellul, PC1327 Anthony Galea, PC39 Anthony Muscat, PS114 Massimo Persiano u PC140 Carmel Saliba, u ssoktajt li zzomm jew tissekwestra lill-istess persuni ghad li kont taf li gie mahrug mandat jew ordni mill-awtorita kompetenti ghall-helsien jew kunsinna tal-persuni mizmuma jew issekwestrati, ai termini tal-Artikolu 86 u 87 (1) (d) tal-Kap 9 tal-ligijiet ta’ Malta;

(2) talli fl-istess data, lok u cirkostanzi fuq imsemmija, ksirt volontarjament il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku ai termini tal-Artikolu 338 (dd) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

(3) talli fl-istess data, lok u cirkostanzi fuq imsemmija, ma obdejtx l-ordnijiet legittimi ta’ l-awtorita jew ta’ wiehed li kien inkarigat minn

servizz pubbliku, jew ma hallejtux jew fixkiltu waqt li kien qed jaghmel id-dmirijiet tieghu jew b'xi mod iehor, bla jedd, indhalt fi dmiru, billi ma hallejtx lil haddiehor jaghmel dak li bl-ligi jkun ordnat jew jista jaghmel jew billi gibt fix xejn jew hassart dak li haddiehor kien ghamel skond il-ligi, jew b'xi mod iehor li jkun, ai termini tal-Artikolu 338 (ee) tal Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

(4) talli fl-istess data, lok u cirkostanzi fuq imsemmija, tajt ordni lill-haddiehor biex jaghmel id-delitti fuq imsemmija, jew gieghelt l-istess delitti jsiru b'abbuz t'awtorita jew setgha, inkella tajt istruzzjonijiet biex issiru dawn id-delitti, jew xjentement ghent jew assistejt lill-awtur jew lill awturi tal-istess delitti fl-atti li bihom id-delitt ikun gie preparat jew ikkunsmat, jew xewwixt lil haddiehor inkella sahhaht il-volonta tieghu sabiex jaghmel id-delitti fuq citati, ai termini tal-Artikoli 42-48, 86, 87(1)(d), 338(dd) u 338(ee) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

(5) talli fl-istess data, lok u cirkostanzi fuq imsemmija, hadt parti attiva f'gemgha ta' ghaxra min nies jew aktar, migburin bil-hsieb li jaghmlu s-segwenti reati u cioe:

(a) ir-reat ta' min bla ordni skond il-ligi tal-awtorita kompetenti u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arresta, zamm jew issekwestra lil persuni kontra il-volonta taghhom u cioe lil diversi membri tal-Korp tal-Pulizija fosthom lil PC113Joseph Attard, PC54 Mario Bruno, PC615 Joseph Ellul, PC1327 Anthony Galea, PC39 Anthony Muscat, PS114 Massimo Persiano u PC140 Carmel Saliba, u ssokta li jzomm jew jissekwestra lill-istess persuni ghad li kien jaf li gie mahrug jew ordni

mill-awtorita kompetenti ghall-helsien jew kunsinna tal-persuni mizmuma jew issekwestrati;

(b) ir-reat ta' min jingurja, jhedded jew jaghmel offiza fuq il-persuna ta' wiehed inkarigat skond il-Ligi minn servizz pubblikju waqt li jkun jaghmel jew minhabba li jkun ghamel dak is-servizz jew bil-hsieb li jbezzghu jew jinfluwixxi fuqu kontra il-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz, u cioe kontra diversi membri tal-Korp tal-Pulizija fosthom id-Deputat Kummissarju Joseph Cachia, l-Assistant Kummissarju Joseph Brincat, l-ispetturi Noel Cutajar, Raymond Vella Gregory. Peter Paul Zammit u Abraham Zammit;

(c) ir-reat ta' min jattakka jew jaghmel resistenza bi vjolenza jew b'hebb, ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku filwaqt li tkun tagixxi ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghti skond il-ligi mill-awtorita kompetenti, u cioe kontra diversi membri tal-Korp tal-Pulizija fosthom id-Deputat Kummissarju Joseph Cachia, l-Assistant Kummissarju Joseph Brincat, l-Ispetturi Noel Cutajar, Raymond Vella Gregory, Peter Paul Zammit u Abraham Zammit, b'dan li l-attakk jew rezistenza sar minn tlieta min nies jew aktar;

liema reati filfatt saru, u dan ai termini tal-Artikoli 68(2), 68(3), 86, 87(1)(d), 95, 96(b), tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta'Malta;

(6) talli fit-12 t'Ottubru 1999, ghal habta tan 12.30 ta' wara nofs inhar, gewwa l-Qorti irrifjutajt li taghti lill-ufficjal pubbliku jew lill wiehed iehor li jkun inkarigat minn servizz pubbliku, u cioe lill-Ispettur Carmelo Bartolo, waqt li kien qed jaghmel id-dmirijiet tieghu, ismek, kunjomok,

fejn toqghod u partikolarijiet ohra, ai termini tal-Artikolu 338(g) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Ikkunsidrat:

Fl-ewwel lok jigi rilevat li l-eccezzjoni ta' natura procedurali dwar jekk dawn il-proceduri kellhomx jitressqu b'rikors ad istanza tal-partijiet lezi jew inkella wara referenza mill-Qorti tal-Magistrati fejn kienu qed jinstemghu l-addebiti kriminali u l-kwistjoni relatata dwar in-nuqqas ta' interess guridiku tar-rikorrrenti minhabba li l-Qorti tal-Magistrati ma setghet qatt tikkunsidra l-pronunzjament ta' din il-Qorti nkwantu l-procedura adottata kienet zbaljata, illum ma ghandhom ebda relevanza billi l-proceduri kriminali istitwiti kontra r-rikorrenti gew kollha rtirati. Infatti bhala rizultat ir-rikorrenti kollha, hlief ghar-rikorrent Dr. George Abela, irtiraw ir-rikors kostituzzjonali safejn dan jikkoncerna lilhom sew personalment sew bhala ente guridiku.

Illi l-lanjanzi ta' natura ta' dritt fondamentali li ghad fadal x'jigu ezaminati u decizi minn din il-Qorti, apparti l-kap tal-ispejjes, huma dawk li jikkoncernaw lill-Avukat Dottor George Abela. Dawn huma d-dritt tieghu ta' assocjazzjoni protett bl-artikolu 11 tal-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem u l-allegata lezjoni tad-dritt tieghu ta' dgwadija tal-possediment tieghu konsistenti fid-dritt tal-ezercizzju liberu tal-professjoni legali tieghu sancit bl-Artikolu Wiehed ta' l-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropea. Fir-rigward ir-rikorrent qed isostni li l-procedimenti kriminali stitwiti kontrih, kif fuq inghad, jikkostitwixxu ksur u interferenza ma dan id-dritt.

Fil-verita' din it-tieni lanjanza giet introdotta in forza tar-rikors prezentat minn Dr. Abela fl-20 ta' Marzu 2000 fejn talab li dan l-ilment jigi ukoll kunsidrat. Fir-risposta tal-intimat ghal dan ir-rikors gie rilevat li l-azzjoni kriminali mehuda kontra Dr. George Abela ma ghandha x'taqsam xejn mall-prattika tieghu ta' avukat, izda hi limitata biss ghall-atti li jikkostitwixxu ksur tal-ligi kriminali. Ghalkemm qatt ma nghata provvediment fuq dan ir-rikors, u cioe dwar l-ammissibilita' o meno tat-talba u dan, jigi osservat, izjed minhabba l-izviluppi f'dawn il-proceduri u dawk kriminali milli minhabba xi raguni ohra, jigi rilevat li f'proceduri kostituzzjonali jew dawk imressqa in forza tal-Kap 319 tal-Ligijiet ta' Malta, ir-rikorrent mhux mxekkel bil-limitazzjonijiet kontemplati fil-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili ghal dak li jirrigwarda kawzali u talbiet. Dan l-ilment ghalhekk ser jigi kunsidrat.

Ikkunsidrat:-

**Artikolu 1 ta' l-Ewwel Protokoll.**

L-Artikolu 1 ta' l-Ewwel Protokoll li hemm mal-Konvenzjoni Ewropea ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali li bl-Att XIV ta' l-1987, illum Kap 319 tal-Ligijiet ta' Malta, sar parti mill-Ligi ta' Malta jghid hekk:-

"*Kull persuna naturali jew persuna morali ghandha dritt ghat-tgawdija pacifika tal-possedimenti taghha. Hadd ma ghandu jigi ipprivat mill-possedimenti tieghu hlief fl-interess pubbliku u bla hsara tal-kondizzjonijiet provduti bil-ligi u bil-principji generali tal-ligi internazzjonali.*"

L-istess artikolu izda jipprovdi:

*"Izda d-disposizzjonijiet ta' qabel ma ghandhom b'ebda mod inaqqsu d-dritt ta' Stat li jinforza dawk il-ligijiet li jidhrulu xierqa biex jikkontrolla l-uzu ta' proprjeta' skond l-interess generali jew biex jizgura l-hlas ta' taxxi jew kontribuzzjonijiet ohra jew pini."*

Hija s-sottomissjoni tar-rikorrent li l-pussess ta' "warrant" u d-dritt li dak il-"warrant" jaghtieh ghall-ezercizzju tal-professjoni legali bhala avukat, jammonta ghall-possediment fl-ambitu tal-artikolu fuq citat. Ir-rikorrent jghid, f'dan ir-rigward, li huwa, fiz-zmienijiet tal-incident fuq riferit, la kien impjegat tal-General Workers Union u lanqas ma kien ufficjal tal-istess Union. Illi huwa attenda fil-"perimiter" tal-ajruport u kien presenti waqt l-incident ta' Triq Dicembru 13, il-Marsa, biss fil-kapacita' tieghu ta' konsulent legali tal-General Workers Union u biex jaghti kull assistenza legali li l-istess union, ufficjali u membri taghha setghu kienu jehtiegu waqt dawn l-incidenti. Ir-rikorrent ikompli jghid li huwa ma ippartecipa f'ebda azzjoni llegali u ghamel biss dak li l-professjoni tieghu tirrikjedi minnu. Ghalhekk, qed jigi sottomess, li l-proceduri kriminali li ttiehdu kontra r-rikorrent jammontaw ghal ksur u interferenza tad-dritt protett mill-artikolu fuq citat.

Din il-Qorti ma tistax tikkondividi l-hsieb tar-rikorrent dwar l-interpretazzjoni tal-kelma "possedimenti" fl-artikolu fuq citat. Hija l-fehma ta' din il-Qorti li l-"possedimenti" kontemplati fl-artikolu sotto ezami jikkomprendu eskluzivament dik il-"*proprjeta"*, sew ta' natura immobiljari kemm mobiljari, li tista tkun soggetta ghat-tehid forzat bit-trasferiment tal-pussess ta' dik il-proprjeta' minn persuna ghall-ohra u mhux ghal kull dritt li l-individwu jista' jgawdi.

Dan qed jinghad ghal zewg ragunijiet. Fl-ewwel lok il-proviso ghall-istess artikolu li jaghti d-dritt lill-Istat li jikkontrolla dawn il-possedimenti jitkellem speficikatament dwar "*'proprjeta"* cioe il-pussess ta' haga fisika u reali liema proprjeta ma tistax tittiehed minn terzi hlief ghal skop pubbliku u bil-hlas ta' indennizz gust. Dan id-dritt u obbligu corrispettiv hu rifless fl-artikolu 321 tal-Kodici Civili li jinsab fit-Tieni Ktieb tal-istess Kodici li jitkellem "*Fuq il-Beni".* Dan it-Titolu jikkontempla mhux biss id-dritt ta' tgawdija izda ukoll d-dritt li wiehed jiddisponi minn dik il-proprjeta'. Inoltre dan id-dritt ta' proprjeta' jghati lis-sid il-haga l-jedd li jitlobha lura minghand kull pussessur. (Art. 322 Kap 16). Id-dritt li wiehed jezercita l-professjoni legali ma jikkonferix lill-pusessur ta' dan id-dritt l-attributi imsemmija.

Fit-tieni lok l-artikolu analogu fil-Kostituzzjoni ta' Malta, u cioe l-artikolu 37, jitkellem espressament fuq proprjeta' li hija suggetta ghall-pussess, liema proprjeta' jew interess jew dritt fuqha, ma tistax tinkiseb b'mod obbligatorju hlief meta hemm disposizzjoni ta' ligi applikabbli ghal dak it-tehid ta' pussess jew akkwist u dana dejjem fil-parametri enuncjati fl-istess Kostituzzjoni.

Il-"warrant" u d-dritt li dan jaghti lir-rikorrent li jezercita l-professjoni legali ma huwiex suxxettibbli ghal trasferiment la obbligatorju u lanqas bil-kunsens tal-persuna li tgawdi l-istess dritt. Huwa veru li dan id-dritt jista' jigi irtirat jew sospiz, izda f'dan il-kaz id-decizzjoni tal-awtorita' kompetenti tittiehed mhux necessarjament fl-interess pubbliku izda certament bhala konsegwenza ta' xi reat kommess mid-detentur tal-istess dritt jew xi ksur tar-regolamenti li jridu jigu osservati minn min jezercita l-professjoni ta' Avukat. U f'kull kaz l-istess parti interessata qatt ma jista' jkollha dritt ta' kumpens ghat-tehid ta' dak id-dritt kif kontemplat fl-artikolu fuq imsemmi.

Ghar-ragunijiet fuq imsemmija l-ilment tar-rikorrent taht l-artikolu 1 ta' l-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem ma jirrizultax.

**Artikolu 11 tal-Konvenzjoni Ewropea.**

Ir-rikorrent qed jissottometti li kien hemm ksur fil-konfront tieghu tal-Artikolu 11 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem li jissalvagwardja d-dritt ghall-liberta' ta' assocjazzjoni. Dan l-Artikolu jghid hekk:
"*Kullhadd ghandu d-dritt ghal-liberta' ta' ghaqda pacifika u ghal-liberta' ta' assocjazzjoni ma ohrajn, inkluz id-dritt li wiehed jifforma u jidhol fi trade union ghall-protezzjoni ta' l-interessi tieghu."*
Dan id-dritt ma ghandu jbati ebda restrizzjoni hlief naturalment u kif specifikat fis-subartikolu (2) tal-istess artikolu meta tali restrizzjoni tkun preskritta b'ligi u mehtiega f'socjeta' demokratika fl-interess tas-sigurta nazzjonali jew tas-sigurta pubblika, biex jigi evitat id-dizordni jew l-eghmil ta' delitti, ghall-protezzjoni tas-sahha jew tal-morali jew ghall-protezzjoni tad-drittijiet u libertajiet ta' haddiehor.

Kif gja inghad r-rikorrent Dr. George Abela stqarr li huwa ma kienx presenti fl-incidenti fuq imsemmija qua membri jew ufficjal tal-General Workers Union, izda bhala konsulent legali tal-istess union u bl-iskop li jaghti kull assistenza necessarja. Ghalhekk hawn mhux qed jigi ezaminat xi ksur tal-intimat fir-rigward tad-dritt ta' Dr. George Abela li jkun membru ta' Union. B'dana kollu qed jigi sottomess li l-proceduri kriminali li gew istitwiti kontrih jilledu d-dritt tieghu bhala cittadin normali li

jissieheb flimkien ma persuni ohra minghajr ma jigi mfixkel mill-awtoritajiet.

Issa d-dritt ta' assocjazzjoni, kif gja rajna, huwa wiehed illimitat. Isegwi li Dr. Abela kellu kull dritt jkun prezenti, sew fl-Ajruport, kif ukoll fi Triq Dicembru 13. Dan id-dritt qatt ma gie negat lilu kif jidher mix-xhieda prodotti. Infatti Dr. Abela ma giex mressaq quddiem il-Qorti tal-Magistrati ghax ezercita d-dritt tieghu li jkun presenti flimkien ma terzi persuni fl-okkazzjonijiet fuq imsemmija. Dan fil-fatt qatt ma setgha jigri. Huwa tressaq fuq suspett li kkommetta reat. Infatti, kif sewwa osserva l-Avukat Generali fir-risposta tieghu, "Il-procedimenti kriminali kontra Dr. George Abela ma ghandha x'taqsam xejn mal-prattika tieghu bhala avukat (billi f'din il-kariga kien jinsab presenti fl-incidenti imsemmija) izda hi limitata biss ghall-atti li jikkostitwixxu ksur tal-ligijiet kriminali tal-pajjiz."

Huwa dmir tal-Pulizija Ezekuttiva li zzomm l-ordni u l-kwiet pubbliku, li ma thallix isiru reati, li tikxef u tinvestiga r-reati li jsiru, li tigbor il-provi u li ggib il-hatjin, sew l-awturi kemm il-komplici, quddiem l-awtorita gudizzjarja. (Art. 346 Kap 9). Fl-incidenti fuq imsemmija kienet il-fehma tal-Pulizija Ezekuttiva, li r-rikorrent, flimkien ma persuni ohra, seta' kien responsabbli ta' serje ta' reati. Il-Pulizija mhux kompetenti li tiddecidi dwar kolpevolezza o meno ta' dak li jkun, izda huwa d-dmir taghha, kif jipprovdi l-artikolu fuq riportat, li tressaq quddiem l-awtorita' gudizzjarja dawk il-persuni li fil-fehma taghha jkunu suspettati li kkommettew reat. Issa fil-kaz in ezami jirrizulta li l-Pulizjia qdew dan l-oneru b'mod gust u responsabbli u bl-ebda mod ma jista' jinghad li dan l-agir tal-Pulizija kien wiehed firvolu billi, prima facie, kien jidher li l-fatti li kienu a konoxxenzza taghhom kellhom "a probability of leading

to a conviction". Din id-decizjoni tinsab konfermat mir-rizultanzi tal-Proces Verbal tal-Magistrat Inkwirenti.

Jekk l-proceduri stitwiti kif fuq inghad kienux jwasslu ghal dikjarazzjoni ta' htija tal-akkuzat jew le, huwa ghal kollox irrilevanti ghal dawn il-proceduri billi din il-Qorti mhux kompetenti li tissindika l-mertu fil-proceduri kriminali. Il-htija o meno tar-rikorrent, hija kompetenza ta' Qorti ohra u, kuntrarjament ghal dak li qed jigi sottomess mir-rikorrent, din il-Qorti ma tista' qatt tagixxi bhala "*court of review"* billi dan id-dritt jispetta eskluzivament lill-Qorti ta' l-Appell Kriminali, u din il-Qorti tista' biss tezamina, fil-kuntest kostituzzjonali, jekk l-awtoritajiet kompetenti agixxew korrettament meta resqu lir-rikorrent bl-akkuzi fuq imsemmija. Mil-fuq espost ma jidhirx li kien hemm xi nuqqas jew abbuz da parti tal-intimat li jista jwassal ghall-akkoljiment tat-talbiet tar-rikorrent .

Ghar-ragunijiet fuq moghtija din il-Qorti tiddisponi minn dan ir-rikors billi tiddikjara li ma jirrizulta ebda ksur tal-artikoli 11 u l-Artikolu 1 ta' l-Ewwel Protokoll fil-konfront tar-rikorrent u konsegwentement tichad it-talbiet tieghu bl-ispejjes, hlief ghal dawk li jikkoncernaw lir-rikorrenti l-ohra liema spejjes ghandhom jigu sopportati minnhom.

Onor Imhallef Albert J. Magri